MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 20/2005/1

**Il-Perit Duminku Mintoff sew proprju kif ukoll bhala prokuratur ta' Jana Joan Mintoff Bland, u Anne McKenna Mintoff**

**v.**

**Water Services Corporation, Enemalta Corporation, Ministru responsabbli ghall-Investimenti, Industrija u Teknologija, u l-Avukat Generali in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta.**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali u "konvenzjonali" taghha, fid-29 ta' Marzu 2006. L-imsemmija sentenza iddecidiet hekk: ***"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba kontenuta fir-rikors numru 1534, tillibera lill-intimat Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhux il-legittimu kontradittur f'din l-istanza, u tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha billi hija sodisfatta li r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju ghall-ksur allegat minnhom; spejjez ghar-rikorrenti."***

**2.** Permezz ta' rikors presentat fid-29 ta' Marzu 2005 quddiem il-Prim Awla, r-rikorrenti ppremettew illi huma kienu u ghadhom fi kwistjoni mal-intimati dwar danni ingenti li dawn ikkawzaw lilhom fil-proprjeta` taghhom meta ghamlu xogholijiet fit-triq u servizzi maghrufa bhala Xintill Street, Tarxien, li tigi t-triq fuq liema l-proprjeta` tar-rikorrenti, bl-isem "The Olives", taghti; ir-rikorrenti kienu skoprew ftit qabel illi fil-kors ta' dawn ix-xogholijiet gew danneggjati s-servizzi tad-drenagg ma genb u li jservu lil din il-proprjeta`, u li bhala konsegwenza ta' dan ix-xoghol difettuz u negligenti maghmul minnhom jew fuq ordni taghhom kienu gew danneggjati serjament il-giebja u l-gibjun taghhom li jinsabu fl-imsemmija proprjeta`. Ippremettew ukoll li minbarra dan huma kienu ga gew kanonizzati kredituri fil-konfront ta' l-istess intimati b'decizjoni (fuq meritu differenti) tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li pero` kienet ghadha pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Ir-rikorrenti ppremettew ukoll li l-intimati Water Services Corporation u Enemalta Corporation kienu qed jippretendu mir-rikorrenti l-hlas ta' kont ta' arretrati ta' elettriku u ilma, u li huma (cioe` r-rikorrenti) kienu rrispondew li ebda ammont ma kien minnhom dovut, u li jekk xi ammont kien dovut dan kien jinsab kumpensat totalment mal-kreditu tar-rikorrenti li kien ghal ammont ferm akbar minn dak minnhom pretiz ghall-elettriku u ilma.

**3.** Ir-rikorrenti komplew jippremettu illi, minkejja protesti taghhom, l-intimati ghaddew biex, fuq ordni tal-Ministru koncernat, jissospendu s-servizz ta’ elettriku u ilma fil-proprjeta` in kwistjoni, cioe` “The Olives”, Xintill Street, Tarxien. Fissru li din kienet sospensjoni ta’ servizzi essenzjali li kienet partikolarment gravuza billi l-imsemmija proprjeta` hija r-residenza privata tar-rikorrent Perit Mintoff, bniedem ta’ eta` avanzata, “li s-sahha tieghu giet b’dan l-agir mqieghda in perikolu serju”. Dawn is-servizzi gew ripristinati biss “wara li l-kont pretiz abusivament mill-intimati thallas minn terzi kontra r-rieda tal-istess Perit Mintoff li ppretenda li ebda ammont ma kien dovut”. Ir-rikorrenti komplew jallegaw li l-agir ta’ l-intimati kien diskriminatorju fil-konfront taghhom billi nies u entitajiet ohra ma ttehditx fil-konfront taghhom l-istess tip ta’ azzjoni. Ir-rikors promotorju jkompli hekk:

**“Illi dan l-agir jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghall-hajja tieghu, ghall-privazija *(sic!)* ta’ daru u ghad-dritt tieghu li l-obbligi civili tieghu jigu determinati minn tribunal imparzjali u indipendenti u ghalhekk saru bi ksur tal-Artikoli 1, 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni.**

**“Illi fil-fatt bil-mod kif agixxew il-korporazzjonijiet fuq imsemmija ir-rikorrenti tpoggew fl-impossibilita` li jikkontestaw jekk l-ammont kienx dovut jew le, u gew ghalhekk negati lilhom id-dritt taghhom li l-kwistjoni jekk kellhomx jaghtu jew le tigi determinata minn tribunal indipendenti u imparzjali wara smigh xieraq kif inhu dritt taghhom fil-ligi. Fil-fatt il-qtugh ta’ servizzi tant essenzjali ghalihom kien jammonta ghal negazzjoni ta’ dan id-dritt billi topoggew minghajr alternattiva u l-hlas kellu jsir billi sfurzat mis-sitwazzjoni li pprecipitaw l-awtoritajiet; illi dan il-fatt kien izjed gravuz fil-konfront tar-rikorrenti billi persuni ohra li kienu f’posizzjoni anke aghar minn tar-rikorrenti, billi kien inkontestat li kellhom jaghtu, ma inqatghux lilhom is-servizzi essenzjali tad-dawl u l-ilma, u fil-konfront tar-rikorrenti ghalhekk giet**

**perpetrata diskriminazzjoni bla ebda raguni jew bazi fil-ligi; illi f'tali sitwazzjoni r-rikorrenti jatribwixxu tali diskriminazzjoni ghall-fatt ta' l-opinjonijiet politici mhaddna mir-rikorrent Perit Duminku Mintoff; illi din id-diskriminazzjoni naqset sensibilment l-uzu u t-tgawdija tal-proprjeta` tal-istess rikorrenti; illi inoltre huwa evidenti li fil-kaz ta' bniedem ta' certa eta` l-iskomdu u t-tbatija li tali mizuri kkawzawlu kienu konsiderevoli;**

**"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li bl-agir fuq imsemmi gew vjolati d-drittijiet fondamentali tal-istess kif protetti mill-artikoli 1, 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, u b'hekk joghgobha taghtihom dawk ir-rimedji opportuni u xierqa, inkluz kumpens ghad-dannu minnhom soffert, biex l-istess drittijiet taghhom jigu protetti."**

**4.** Fir-risposta taghha tas-6 ta' April 2005 (fol. 16), il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma wiegbet *inter alia*[1] hekk:

**"Illi preliminarjament jigi sottomess illi r-rikors odjern huwa wiehed intempestiv stante l-fatt illi r-rikorrenti naqsu, kif ser jigi spjegat aktar 'l quddiem, milli jezawrixxu r-rimedji ordinarji li tipprovdi l-ligi taghna ghall-lanjanzi taghhom, u ghaldaqstant ghandu jigi michud minn din l-Onorabbli Qorti.**

**"Illi l-Korporazzjoni esponenti, fit-12 ta' Frar 2003, kienet formalment interpellat lill-Perit Duminku Mintoff, permezz ta' ittra ufficjali, hawn annessa bhala "Dok. 1", sabiex ihallas kont pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u l-elettriku gewwa l-proprjeta` tieghu 'The Olives', li tinsab gewwa Triq Xintill, Hal-Tarxien.**

[1] Ser jigu hawn riprodotti biss l-eccezzjonijiet li dwarhom inghatat is-sentenza appellata.

**"Illi kuntrarju ghal dak sottomess fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qatt ma wiegbu l-imsemmija ittra ufficjali u qatt ma kkontestaw il-fatt li tali kont kien dovut ghall-konsum minnhom, jew min minnhom, maghmul."**

**5.** Il-Korporazzjoni Enemalta, fir-risposta taghha, ukoll tas-6 ta' April 2005 (fol. 20) eccepiet *inter alia* hekk:

**"Illi fl-ewwel lok din l-Onorabbli Qorti ghandha taghzel li ma tinqediex bis-setghat kostituzzjonali taghha ghax ir-rikorrenti kellhom rimedji tajjeb** [<u>recte</u>: tajba] **u bizzejjed taht ligi ordinarja li huma ma ezawrewx qabel ma rrikorrew ghal dan ir-rimedju straordinarju."**

**6.** Min-naha taghhom, il-Ministru responsabbli ghall-Investimenti, Industrija u Teknologija ta' l-Informazzjoni u l-Avukat Generali eccepew preliminarjament[2] hekk (fol. 12):

**"In linea preliminari l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur in kwantu m'hemm ebda allegazzjoni dwar agir direttament jew indirettament imputabbli lilu u ghalhekk huwa gie interpellat inutilment u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.**

**"Subordinatament u wkoll in linea preliminari l-Ministru responsabbli ghall-Investimenti, Industrija u Teknologija ta' l-Informazzjoni wkoll m'huwiex legittimu kontradittur stante li huwa ma jindahalx fl-operat ta' kuljum tal-Water Services Corporation u tal-Enemalta u ghaldaqstant l-allegati fatti imputabbli ghal dawn iz-zewg korporazzjonijiet ma jistghux jigu attribwiti lilu b'xi mod; bhalma ghall-istess raguni qed jichad kategorikament illi hu qatt ta xi istruzzjonijiet biex lir-rikorrent jissospendulu s-servizz tad-dawl u tal-ilma.**

[2] Fil-meritu hemm zewg faccati ohra ta' eccezzjonijiet.

**“Inoltre u wkoll in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-proviso tas-subinciz (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 stante li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni tieghu.”**

**7.** Fil-mori tas-smigh quddiem l-ewwel Qorti, ir-rikorrent (illum appellant) Perit Duminku Mintoff pro et noe ippresenta, fit-28 ta’ Settembru 2005, rikors (fol. 50) li permezz tieghu, wara li ghamel referenza ghal atti ta’ spoljazzjoni, deburament u danneggjament li huwa jallega li kienu qed isiru fil-konfront ta’ proprjeta` ohra (mhux “The Olives” f’Hal-Tarxien), dwar liema atti huwa jghid li kien ghamel rapporti lill-Pulizija u talab il-protezzjoni taghhom, izda l-Pulizija ma kienux investigaw skond il-ligi; wara li fisser li l-qabar tal-familja tieghu kien gie tlett darbiet profanat izda, skond hu, “ma ttiehdu ebda passi halli l-irregolaritajiet u l-abbuzi imsemmija jitwaqqfu”; wara li fisser li ghamel diversi sforzi biex jiltaqa’ mas-Segretarju Permanenti responsabbli mill-Finanzi “halli jigu diskussi u transatti numru ta’ kwistjonijiet li jirrigwardaw” flus dovuti mill-Gvern lilu, izda dawn l-isforzi sfaw fix-xejn ghax mieghu ma kienx qed jiltaqa’ l-imsemmi Segretarju Permanenti mentri kien jiltaqa’ ma’ cittadini ohra; u wara li fisser li huwa sar jaf li kien inghata l-onorificenza ta’ “Kmandant ta’ l-Unur ta’ l-Ordni ta’ Malta (KUOM)”[3] u l-ittri KUOM kienu qed jintuzaw wara ismu f’korrispondenza governattiva, minghajr ma saret ebda ghotja ufficjali tal-insinja u l-midalja ghax l-istess rikorrent, u wara li kien indaga, “oggezzjona ghall-konferiment taghhom mill-attwali President tar-Repubblika li jikkunsidrah mhux idoneu li jokkupa l-oghla kariga tal-pajjiz” – premess dan kollu, ir-rikorrent talab lill-Prim Awla tikkunsidra wkoll dawn il-lanjanzi “addizzjonali” li skond hu jammontaw ghal ksur tal-Artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni “u l-Artikolu 8 u l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, u wara li tisma’ xhieda tar-rikorrent u tezamina provi prodotti minnu, takkorda lir-rikorrent rimedji xierqa u gusti skond il-ligi”.

[3] Recte: Kumpann ta’ l-Unur ta’ l-Ordni Nazzjonali tal-Meritu.

B’digriet ta’ dik il-Qorti tad-**19 ta’ Ottubru 2005** (fol. 65), din it-talba giet michuda “peress illi l-lanjanzi addizzjonali qed isiru fil-konfront ta’ persuni jew entitajiet li m’humiex fil-kawza”. B’rikors tal-15 ta’ Novembru 2005 (fol. 94), ir-rikorrent Perit Duminku Mintoff pro et noe rega’ ppresenta rikors iehor fejn, wara li qal li l-intimat (illum appellat) Avukat Generali kien jirrapresenta lill-Gvern Malti u ghalhekk l-ilmenti minnu maghmula fir-rikors tat-28 ta’ Settembru 2005 setghu jigu diskussi u dibattuti fil-konfront ta’ l-istess Avukat Generali, huwa talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tad-19 ta’ Ottubru 2005, u li l-Prim Awla tiehu konjizzjoni ta’ l-ilmenti f’dak ir-rikors addizzjonali.

**8.** Wara li nstemghu diversi provi u gew ezibiti diversi dokumenti, inkluzi affidavits, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-udjenza tal-11 ta’ Jannar 2006 (fol. 135) halliet il-kawza ghat-trattazzjoni “…dwar il-legittimu kontradittur, l-eccezzjoni dwar l-uzu tar-rimedji ordinarji u tar-rikorsi 1536 u 1534[4]” ghall-25 ta’ Jannar 2006. Fil-25 ta’ Jannar 2006 saret it-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet u l-kawza thalliet ghas-sentenza “fuq l-ewwel tlett punti sollevati” ghad-29 ta’ Marzu 2006. Intant, fil-15 ta’ Frar 2006 r-rikorrent Perit Duminku Mintoff wahdu rega’ ppresenta rikors iehor (fol. 140) fejn talab li l-Qorti tordna “…li minnufih u minghajr aktar dewmien isiru a spejjez ta’ l-intimati, ix-xogholijiet kollha mehtiega halli s-servizzi tad-drenagg, ta’ l-ilma, u ta’ l-elettriku jigu ripristinati f’ “The Olives”, Hal Tarxien, u li dawn ix-xogholijiet isiru minghajr ma wiehed jistenna d-decizjoni finali fuq il-kumplament tal-meritu tal-kawza dwar il-ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent”. B’digriet moghti fl-20 ta’ Frar 2006, l-ewwel Qorti cahdet din it-talba “peress illi dina l-materja diga’ giet ikkunsidrata mill-Qorti, u ghadu mhux il-waqt li tinghata decizjoni dwar il-punt imqajjem..” (fol. 142).

---

[4] Ir-rikors “1536” – referenza ghall-*cash number* – huwa rikors tal-Perit Mintoff wahdu, presentat fil-mori tal-kawza fil-15 ta’ Novembru 2005 (fol. 92), li permezz tieghu, wara li ppremetta li xogholijiet ghat-tiswija tas-servizz tad-drenagg, tas-servizz ta’ l-ilma u tas-servizz ta’ l-elettriku “ma sarux jew ma tkomplewx” mill-intimati, talab lill-Prim Awla tawtorizzah halli “…fin-nuqqas ta’ l-intimati li jezegwixxu x-xogholijiet mehtiega minghajr dewmien, huwa jkun awtorizzat jaghmel ix-xogholijiet permezz ta’ kuntratturi mqabbda minnu, a spejjez ta’ l-intimati, li ghandhom ikunu minn issa stess ikkundannati li jhallsu.” Ir-rikors “1534”, invece, huwa wkoll datat 15 ta’ Novembru 2005 u huwa dak imsemmi fil-paragrafu **7** ta’ din is-sentenza, u cioe` li permezz tieghu intalbet ir-revoka tad-digriet tad-19 ta’ Ottubru 2005.

**Is-sentenza appellata**

**9.** L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha msemmija fil-paragrafu **1** ta' din is-sentenza wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Illi dan ir-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta' l-intimati dwar n-nuqqas ta' uzu ta' rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur, kif ukoll biex jinghata provvediment dwar ir-rikors 1534 (a fol 94) li bih ir-rikorrenti talbu r-revoka ta' digriet precedenti ta' dina l-Qorti tad-19 ta' Ottubru 2005 (ara fol 50).

"**Rikors 1534**

"Illi r-rikorrenti kienu talbu permezz ta' rikors (a fol 50) biex konguntement mal-lanjanzi avvanzati fir-rikors promotur, dina l-Qorti tikkunsidra wkoll il-lanjanzi addizzjonali ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti skond il-provvediment ta' l-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 u l-artikolu 1 ta' l-ewwel skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja.

"L-intimati kienu opponew dina t-talba (ara fol 60 u 62) u bid-digriet fuq imsemmi dina l-Qorti kienet cahdet it-talba.

"Ir-rikorrenti ghamlu rikors iehor (numru 1534) ara fol 94 fejn talbu li dina l-Qorti tirrevoka d-digriet fuq imsemmi a bazi tal-fatt li l-Avukat Generali bhala parti f'dawn il-proceduri ghandu r-rappresentanza tal-Gvern ta' Malta u ghalhekk l-ilmenti maghmula minnhom jistghu jigu konsidrati fil-konfront ta' l-istess intimat bhala rappresentant tal-Gvern.

"Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti kienu allegaw li nkisrulhom id-drittijiet fondamentali taghhom ghax l-intimati Water Services Corporation, Enemalta Corporation, Ministeru responsabbli ghall-Investimenti Industrija u Teknologija ta' l-Informazzjoni, u l-Avukat Generali in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta,

ikkagunawlhom hsara fil-proprjeta` taghhom, kif ukoll qatghulhom id-dawl u l-ilma.

“Fir-rikors a fol 50 ir-rikorrent qed jilmenta ukoll li qed jigi spoljat, derubat u danneggjat ripetutament fir-rigward tal-possedimenti tieghu u mhux qed jinghata protezzjoni; li qed jigi trattat b’mod diskriminatorju; li ma sarx ix-xoghol miftiehem; li nkisru id-dritt tal-privatezza tad-dar, u dritt ta’ proprjeta`; li l-qabar tal-familja fic-Cimiterju gie profanat; li ma gewx transatti kwistjonijiet li ghandu mal-Gvern; li nghata onorificenza minghajr ma gie infurmat; servizz tat-telephone u fax qed jigi intercettat u posta kultant *tampered with*.

“Illi jirrizulta li parti mis-suppost lanzjanzi addizzjonali tar-rikorrenti jinsabu koperti mir-rikors promotur mentri lanjanzi ohra huma diretti kontra persuni u entitajiet estraneji u li m’humiex parti f’dana r-rikors u li mhux necessarjament iridu jigu rapprezentati mill-Avukat Generali f’dina l-azzjoni. L-artikolu 181B tal-Kap 12 jipprovvdi li l-Avukat Generali jirrapprezenta l-Gvern f’dawk l-atti fejn minhabba n-natura taghhom dawn ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern, li mhux il-kaz.

“Ghalhekk it-talba kontenuta fir-rikors numru 1534 qed tigi michuda.

“**Legittimu kontradittur**

“B’risposta ghar-rikors promutur l-intimat l-Avukat Generali wiegeb li hu mhux il-leggittimu kontradittur in kwantu m’hemm ebda allegazzjoni dwar agir direttament jew indirettament imputabbli lilu. Il-Ministru Responsabbli ghall-Investimenti, Industrija u Teknologija ta’ l-Informazzjoni eccepixxa li mhux il-leggittimu kontradittur stante li huwa ma jindahalx fl-operat ta’ kuljum tal-Water Services Corporation u ta’ l-Enemalta u ghaldaqstant l-allegati fatti imputabbli ghal dawn iz-zewg korporazzjonijiet ma jistghux jigu attribwiti lilu b’xi mod; bhalma ghall-istess raguni cahad ukoll illi hu qatt ta xi struzzjonijiet biex lir-rikorrenti jissospendulu s-servizz tad-

dawl u ta’ l-ilma. Ghalhekk il-Water Services Corporation u l-Enemalta huma l-legittimi kontradditturi li jistghu jirrispondu adekwament ghat-talbiet tar-rikorrenti.

“Kwantu ghall-eccezzjoni ta’ l-Avukat Generali, kif gja inghad aktar ‘l fuq, skond l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, imma l-Avukat Generali jirrapprezenta lil Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

“Illi f’dan il-kaz l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur billi l-intimati l-ohra gew imharrkin tajjeb u jistghu jwiegbu adegwament ghall lanjanzi li r-rikorrenti jsemmu fir-rikors promutur taghhom.

“Illi ghalhekk fid-dawl tal-emendi ghal Artikolu 181 tal-Kap 12 u l-insenjament tal-gurisprudenza in materja, jidher li l-eccezzjoni ta’ l-intimat Avukat Generali ghandha tigi milqugha u jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“Kwantu ghall Ministru responsabbli ghall-Investimenti, Industrija u Teknologija ta’ l-Informazzjoni, r-rikorrenti qed jissottomettu li d-decizjoni li jaqtghu d-dawl u l-ilma lir-rikorrenti, ma ttiehditx mill-intimati imma minn awtorita` superjuri ghall-korporazzjonijiet li geghlithom jaghmlu dan. Skond ir-rikorrenti din l-Awtorita` hija l-Gvern u kien hemm indhil mill-Ministru personalment. Ghalhekk il-Ministru ghandu jkun f’din il-kawza billi ttiehdu decizjonijiet governattivi u mhux tal-korporazzjonijiet.

“Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li kien hemm indhil personali tal-Ministru u li kien hu li tah l-ordni biex jinqaghtalu d-dawl u l-ilma lir-rikorrenti, hija f’dan l-istadju biss allegazzjoni u ghad trid tigi pruvata. Ghalhekk f’dan l-istadju l-Qorti, li ghadha semghet biss xi provi da parti tar-rikorrent ma hiex f’posizzjoni li tiddeciedi li effettivament l-Ministeru mhux il-legittimu kontradittur.

“**Rimedji Ordinarji**

“L-intimati kollha eccepew li l-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha a tenur tal-provviso tas-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 4 tal-Kap 319 stante li r-rikorrent m’ezawriex ir-rimedji ordinarji ghad-dispozizzjoni tieghu.

“Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser u ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta’ ksur lamentat[5].

“M’hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed il jintwera li jkun wiehed li jista’ jigi segwit b’mod prattiku, effettiv u effikaci[6].

“In-nuqqas wahdu ta’ tehid ta’ mezzi ordinarji mir-rikorrent m’huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta’ xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma’ l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu.

“Illi d-diskrezzzjoni li l-Qorti taghzel li tiehu jekk twettaqx jew le s-setghat taghha kostituzzjonali biex tisma’ kawza ghandha tigi ezercitata bi prudenza, b’mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta’ drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta’ dawk is-setghat [7]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda

[5] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawza fl-ismijiet ***Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: LXXV.i.106).
[6] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawza fl-ismijiet ***Clifton Borg v. Kummissarju tal-Pulizija*** .
[7] Kost. **14.5.2004** fil-kawza fl-ismijiet ***David Axiaq v. Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku***.

l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[8].

“L-ilmenti tar-rikorrenti huma li bil-mod kif agixxew il-korporazzjonijiet imsemmija huma tpoggew f’impossibilita` li jikkontestaw jekk l-ammont li gie mitlub minnhom biex jithallas kienx dovut jew le, u ghalhekk gie negat lilhom id-dritt li din il-kwistjoni jekk kellhomx jaghtu jew le, tigi determinata minn tribunal indipendenti u mparzjali wara smiegh xieraq kif inhu d-dritt taghhom fil-ligi. Huma jirritjenu li l-qtugh ta’ servizzi tant essenzjali ghalihom kien jammonta ghal negazzjoni ta’ dan id-dritt billi tpoggew minghajr alternattiva u l-hlas kellu jsir billi gie sfurzat mis-sitwazzjoni li pprecipitaw l-awtoritajiet.

“Illi r-rikorrenti qed jippretendu li huma ma kellhomx ihallsu l-kont li kienu qed jitlobu l-korporazzjonijiet imsemmija ghaliex, jekk kien hemm xi ammont li kien dovut, dan kien jinsab kumpensat totalment mal-krediti (ez hsara fil-drenagg fid-dar Hal Tarxien u l-kawza fuq l-Gharix) li kellhom ghal ammont ferm ikbar minn dak pretiz mill-intimati. Il-kwistjoni hija jekk persuna li jkollha kontestazzjoni fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tistax tigi privata mid-dritt tal-possedimenti tal-proprjeta` taghha billi jinqatalha s-servizzi essenzjali ghaliha.

“L-intimati qed jissottomettu li r-rikorrenti setghu kkontestaw dawn il-kontijiet tad-dawl u l-ilma li kienu qed jintbghatulhom imma huma ma ghamlu xejn u lanqas wiegbu l-ittri interpellatorji biex ighidu ghaliex ma’ kellhomx ihallsu tas-servizzi li huma hadu mis-sena 1997 ‘l quddiem u lanqas ma kien irrispondew l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Frar 2003. Ir-rikorrenti ghazlu li jinjoraw ir-rikjesta ghall-hlas. F’Gunju tat-2003 r-rikorrenti kienu regghu gew avzati permezz ta’ ittra mill-Korporazzjoni esponenti li fin-nuqqas li jhallsu l-kontijiet pendenti kien ser jigi sospiz lilhom is-servizz tad-dawl u l-ilma. Ir-rikorrenti xorta baqghu juzaw is-servizzi tal-Korporazzjoni u sat-2 ta’ Novembru 2004 huma tellghu kont ta’ elf, mitejn u tletin

[8] Kost. **31.10.2003** fil-kawza fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta et***.

Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm1,230.97). Imbaghad il-Korporazzjoni ddecidiet li a bazi tal-Kap*. 272* u r-Regolamenti mahruga taht l-istess, *(ara Reg: 73)* u wara li tat pre-avviz lir-rikorrenti, iddecidiet li tissospendi s-servizz sakemm jithallsu l-kontijiet pendenti. Is-servizz gie repristinat wara jumejn meta l-kont thallas minn terzi kontra r-rieda ta' l-istess rikorrenti li ppretenda li l-ebda ammont ma kien dovut.

"L-eccezzjoni ta' l-intimati hi fis-sens li r-rikorrenti kellhom jutilizzaw r-rimedju ordinarju ghall ksur minnhom allegat u mhux jaghmlu kawza kostituzzjonali.

"Illi jirrizulta li r-rikorrenti kien ilhom ma jhallsu l-kontijiet tad-dawl u ilma ghal snin shah u ma jikkontestawhomx mal-Korporazzjoni u lanqas ma kienu jirrispondu l-ittri interpellatorji li kienet tibghatilhom il-Korporazzjoni. Ir-rikorrenti baqghu snin shah ma jaghmlu xejn u jinqdew bis-servizzi tad-dawl u l-ilma minghajr ma jhallsu, minghajr ma jikkontestaw il-kontijiet, minghajr ma jwiegbu l-ittri tal-Korporazzjoni u minghajr ma jikkontesaw dawn l-ammont fil-Qorti. B'dan l-agir huma poggew lill korporazzjoni f'posizzjoni li kellha tiehu l-passi drastici li hadet. Imbaghad meta l-Korporazzjoni hadet dawn il-passi u qatghet id-dawl u l-ilma lir-rikorrenti, dawn ilmentaw li nkisrilhom id-drittijiet fondamentali taghhom meta fil-fatt is-sitwazzjoni kienu pprecipitawha huma stess bin-nuqqas taghhom li jikkontestaw l-ammont mitlub.

"Illi l-ezistenza ta' rimedju iehor trid titqies fiz-zmien ta' l-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiz-zmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[9]. M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in*

[9] Kost. **9.10.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***Paul McKay v. Kummissarju tal-Pulizija et***.

*extremis* li wiehed jista' jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[10].

"Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti qatt ma kkontestaw l-ammont mitlub, qatt ma kkontesaw l-kontijiet quddiem il-qrati ordinarji u lanqas ma kkontestaw il-ligi li taghti l-poter lill Korporazzjoni li taqta' s-servizz tad-dawl u l-ilma. Ir-rikorrent lanqas ma rrikorrew ghal misura kawtelatorja biex izommu lill Korporazzjoni milli tiehu l-passi li heddedt li tiehu, bhal per ezempju b'talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

"Wara kollox kif gie deciz fil-kawza Qorti Kostituzzjonali [fil-kawza fl-ismijiet] **Sammut vs Awtorita ta' l-Ippjanar**[11] l-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak "kostituzzjonali" wara procedura skond is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew id-disposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens[12]. In fatti dana l-proviso jippostula ukoll ksur tad-drittijiet fondamentali (*"…ghall-ksur allegat…"*) izda li minkejja dan *"…mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skond xi ligi…ohra…"*.

"Il-legislatur ma riedx li jsiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn u l-Prim Awla tigi inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra jew li ghalihom ikun hemm rimedju effettiv taht xi ligi ohra.

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju ghall-ksur minnhom allegat u mhux jaghmlu kawza kostituzzjonali."

---

[10] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawza fl-ismijiet ***Spiteri v. Chairman Awtorita` tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.201).
[11] ***John Sammut v. Awtorita` tal-Ippjanar et***, Qorti Kostituzzjonali 27/2/2003.
[12] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et.***; kif ukoll is-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet ***Teddy Rapa v. Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar et***.

**<u>L-appell tar-rikorrenti</u>**

**10.** Ir-rikorrenti hassewhom aggravati kemm b'din is-sentenza "u mid-digrieti moghtija fl-atti tal-kawza" u, permezz ta' rikors ta' appell ippresentat fl-10 ta' April 2006, interponew appell minnha kif ukoll mid-digriet tad-19 ta' Ottubru 2005. Huma talbu li din il-Qorti **"…joghgobha tirrevoka d-digrieti u s-sentenza fuq premessi u b'hekk tiddeciedi billi (a) filwaqt li takkolji t-talba tar-rikorrenti l-Perit Duminku Mintoff dedotti** [recte: dedotta] **fir-rikors tieghu tat-8 ta' Awissu 2005 u tordna li jsiru x-xogholijiet neccessarji sabiex jirripristinaw is-sistema tad-dawl u ilma fir-residenza tieghu immedjatament u bla dewmien; (b) kif ukoll takkolji t-talba tar-rikorrenti kollha li mar-rikors promotur jigu mismugha l-lanjanzi addizzjonali kif dedotti fir-rikors taghhom tal-28 ta' Settembru 2005; (c) u filwaqt li tichad l-eccezzjoni ta' l-intimat Avukat Generali li mhux il-legittimu kontradittur kif ukoll (d) tichad l-eccezzjoni dwar rimedju ordinarju sollevata mill-intimati; (e) tirrimetti l-kawza lura quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni taghha skond il-ligi."** B'rikors addizzjonali iehor, din id-darba tal-11 ta' April 2006, l-appellanti talbu li din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' sottomissjonijiet ohra oltre dawk li ingiebu a konjizzjoni taghha fir-rikors ta' appell tal-gurnata ta' qabel. Permezz ta' tlett risposti separati, l-intimati appellati wiegbu, bazikament, li s-sentenza kienet gusta u timmerita konferma, u li ma kien hemm xejn x'jigi alterat ghal dawk li huma digrieti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**11.** Jibda biex jinghad li r-rikorrenti appellanti donnhom tfixklu proprju minhabba n-numru ta' rikorsi li huma stess intavolaw fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Ghalkemm ighidu li "hassu ruhhom aggravati minn dina s-sentenza u mid-<u>digrieti</u> [fil-plural] moghtija fl-atti tal-kawza", l-uniku digriet li gie specifikat fil-premessi ghall-

aggravji, kif ukoll meta gew trattati l-istess aggravji[13], huwa dak tad-19 ta' Ottubru 2005 (ara paragrafu **7** ta' din is-sentenza). Ir-rikors tat-8 ta' Awissu 2005, imsemmi fit-talbiet ta' l-appellanti, ma gie qatt dekretat: id-digriet ta' l-20 ta' Frar 2006 (li mkien ma jissemma' fir-rikors ta' appell) kien cahad it-talbiet kontenuti fir-rikors tal-15 ta' Frar 2006 (ara fol. 140). Fi kwalunkwe kaz, huwa evidenti li biex din il-Qorti takkolji t-talba ta' l-appellanti u tilqa' t-talba jew talbiet kif "dedotti fir-rikors…tat-8 ta' Awissu 2005" (li kienu, xi ftit jew wisq, simili ghat-talbiet kontenuti fir-rikors tal-15 ta' Frar 2006), irid logikament l-ewwel jigi deciz il-punt ta' jekk l-ewwel Qorti kienitx korretta li tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali u "konvenzjonali" taghha skond il-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni korrispondenti taht il-Kap. 319.

**12.** L-aggravji ta' l-appellanti huma bazikament tlieta, u jistghu jigu sintetizzati hekk: (1) Illi l-ewwel Qorti zbaljat meta ddeklinat li tezercita s-setghat taghha u dan ghar-raguni li "ghalkemm l-appellant kellu rimedju civili effettiv ghad-danni fizici kagunati lilu mill-agir ta' l-intimati, ma kien hemm ebda rimedju effettiv li seta' jcanfar l-*agir* ta' l-intimati hlief ir-rimedju kostituzzjonali"; (2) Illi l-ewwel Qorti zbaljat meta cahdet ir-rikors addizzjonali tat-28 ta' Settembru 2005 li, skond l-appellanti, "bl-ebda mod ma biddlu l-kawzali tar-rikors promotur, fis-sens li ma kienx hemm allegazzjoni li d-drittijiet fondamentali ohra minn dawk imnissla fir-rikors promotur kienu qeghdin jigu lezi"; u (3) illi l-ewwel Qorti zbaljat ukoll meta lliberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju peress li "meta wiehed jiehu kont ta' l-assjem tal-fatti lezivi kontra d-drittijiet ta' l-appellant, huwa car li l-entita` responsabbli hija nebuluza, hija l-Gvern fil-kollettivita` taghha", b'mod li ghandu jwiegeb l-Avukat Generali.

---

[13] **"Illi l-appellant hass ruhu aggravat ukoll fil-fatt *(sic!)* li l-Qorti cahdet ir-rikors addizzjonali tieghu, anke meta giet mitluba biex tikkunsidra l-posizzjoni taghha…"** Jerga' jigi precisat li d-digriet tad-19 ta' Ottubru 2005 kien proprju dak li cahad it-talbiet fir-rikors "addizzjonali" tat-28 ta' Ottubru 2005, mentri ir-rikors ghar-rikonsiderazzjoni tal-15 ta' Novembru 2005 (ir-rikors "1534") gie deciz bl-istess sentenza tad-29 ta' Marzu 2006.

**13.** L-ewwel li ser jigu trattati huma t-tieni u t-tielet aggravju – dawn effettivament huma intimament marbutin ma’ xulxin. Din il-Qorti tistqarr li ma tistax tifhem kif l-appellanti jippretendu li r-rikors tat-28 ta’ Settembru 2005 donnu ma zied xejn mar-rikors promotorju tad-29 ta’ Marzu 2005. Jekk ma zied xejn, allura kien irrelevanti, u kellu jigi michud ghal dik ir-raguni. Fil-verita` jekk wiehed jaqra sew ir-rikors tat-28 ta’ Settembru 2005, apparti li ghall-ewwel darba isib allegazzjoni ta’ ksur tal-Artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni, isib ukoll allegazzjoni ta’ fatti godda, xi whud minnhom specifici, ohrajn vagi u generici. Kif gustament osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, xi whud mill-allegazzjonijiet f’dan ir-rikors kienu jinkwadraw fl-istess allegazzjonijiet maghmula fir-rikors promotorju, izda ohrajn kienu kjarament fatti godda li ghalihom la l-korporazzjonijiet appellati, la l-Ministru responsabbli ghall-Investimenti, Industrija u Teknologija ta’ l-Informazzjoni u anqas l-Avukat Generali ma kienu tenuti jirrispondu. Jekk xi whud mill-allegazzjonijiet kienu tant vagi u generci – bhal-“ilment” dwar l-indikazzjoni “KUOM” fuq korrispondenza ndirizzata lir-rikorrent Perit Duminku Mintoff – li ma seta’ jigi identifikat ebda kap ta’ dipartiment jew ministru responsabbli ghall-ksur ta’ xi dritt fondamentali derivanti mill-fatti hekk allegati, anqas ma wiehed ghandu jippretendi li jkun l-Avukat Generali li jwiegeb ghal tali allegazzjonijiet vagi u generici. Fil-fatt din il-Qorti hi tal-fehma li dana r-rikors tat-28 ta’ Settembru 2005 kien intiz unikament biex jipprova jaghti koloritura lir-rikors promotorju, li l-veru qofol tieghu jikkonsisti fil-kwistjoni ta’ l-inkonvenjent kagunat lill-appellanti (u, evidentement, l-aktar lill-appellant Perit Duminku Mintoff) bis-sospensjoni ta’ gurnata jew tnejn tas-servizz tal-ilma u ta’ l-elettriku. Ghalhekk dawna l-aggravji huma infondati u qed jigu respinti.

**14.** Kwantu ghall-ewwel aggravju – l-aggravju principali – u cioe` li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha ghax, skond hi, ir-rikorrenti kellhom rimedji taht il-ligi ordinarja ghall-ksur minnhom allegat, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi zzid ma’ l-analizi, sostanzjalment korretta, ta’ ligi u ta’ fatt li ghamlet l-ewwel Qorti. Kif diga` gie osservat, il-veru lanjanza tar-rikorrenti

appellanti fir-rikors promotorju kienet iddur madwar il-kwistjoni tal-konsegwenzi tas-sospensjoni tas-servizz tad-dawl u ta’ l-ilma, servizz li gie ripristinat wara jumejn, sia pure mhux a sodisfazzjon tal-appellant Perit Mintoff. Kollox gie pprecipitat minhabba l-fatt li l-appellanti, ghal numru ta’ snin, mhux biss ma hallsux il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma, izda anqas biss ittantaw jikkontestawhom bid-diversi modi li taghtihom il-ligi. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, wiehed ma jistax jibqa’ ma jaghmel xejn, jibqa’ passiv, u ma juzax ir-rimedji ordinarji li taghtih il-ligi meta jkun rinfaccat b’talba ghall-hlas ghal servizzi moghtija lilu meta jaf li n-nuqqas ta’ pagament jista’ jwassal ghas-sospensjoni ta’ dawk is-servizzi, biex meta in segwitu jsehh l-inevitabbli, jilmenta minn ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu.

**15.** Jizdied jinghad, li galadarba l-ewwel Qorti kienet ampjament gustifikata li tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha, ma hemm ebda lok li din il-Qorti takkolji t-talba tar-rikorrent Perit Duminku Mintoff kontenuta fir-rikors tieghu tat-8 ta’ Awissu 2005. Permezz ta’ dan ir-rikors jidher li r-rikorrent qed jippretendi li l-appellati – intimati fl-ewwel istanza – jaghmlu xoghol ta’ riparazzjoni fir-residenza tieghu biex isewwu hsarat minnhom allegatament kagunati minhabba xogholijiet fis-sistema tad-drenagg u tal-ilma li kienu saru zmien qabel is-sospensjoni tad-dawl u ta’ l-ilma. Din hija materja purament civili li ghaliha hemm il-proceduri civili ordinarji.

## Decide

**16.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez jithallsu mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------